TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Erika Spiteri

vs

Portughes Dry Cleaning Ltd - Ian Portughes

CCT 151/22/MS

3 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Ottubru 2022 fejn talbet is-somma ta' mija sitta u disghin euro (€196.00), prezz ta' libsa li ntbghat ghal dry cleaning, liema libsa giet dannegiata waqt li kienet fil-pussess tas-socjeta' intimata. Ir-rikorrenti talbet ukoll illi tiehu lura l-libsa mertu tal-kaz ghal ragunijiet sentimentali.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn ikkonfermat illi l-libsa kienet imtebba, pero' qalet li l-hsara grat rizultat ta' *wear and tear*. B'danakollu s-socjeta' intimata accetat ir-responsabbilita' ghal hsara u offritet li thallas lir-rikorrenti ammont ta' flus bhala kumpens, liema offerta giet rifjutata mir-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xiehda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti konsenjat libsa li kienet imtebba ghal dry cleaning ghand is-socjeta' intimata fl-ewwel gimgha ta' Gunju 2022, u dan wara li libsitha ghal tieg. Sar il-process ta' dry cleaning, pero' il-libsa baqghet imtebba u r-rikorrenti giet informata illi t-tbajja kienu ghadhom jidhru. Hi ghalhekk marret ghandhom u rat il-libsa li kienet fuq il-mejda u mal-ewwel indundat illi kien hemm hsara fil-genb tal-libsa, liema hsara ma kenitx tezisti qabel. Offrewlha biex jergghu jaghmlu l-process ta' dry cleaning, pero' hi xtaqet tkun taf x'ha ssir fuq il-hsara. Ir-rikorrenti ghalhekk talbet rifuzjoni shiha tal-libsa u talbithom ukoll illi zzomm il-libsa ghar-ragunijiet sentimentali, pero' ma laqhux ftehmu. Ir-rikorrenti qalet ukoll illi l-libsa kienet xtratha ghal prezz ta' €196.00, pero' nesiet meta kienet xtratha.

Illi xehed ukoll Ian Portughes illi qal illi huwa dahal fl-istorja ghall-fini ta' kumpens. Fuq il-kwistjoni tal-hsara, huwa accetta r-responsabbilita' tal-hsara peress illi huma ghandhom sistema li jiccekkjaw l-ilbiesi ghal hsara qabel jaccettawhom u f'dan il-kaz il-libsa giet accettata minghajr ma kien hemm xejn miktub dwar il-hsara o meno tal-libsa. Qal ukoll illi r-rikorrenti kienet libset il-libsa f'zewg okkazjonijiet ohra u li l-libsa kienet imtebba meta giet ghandhom u baqghet imtebba. Ghalhekk huwa deherlu illi ma kellux jaghtiha *'full compensation'* u dik kienet ir-raguni ghaliex ma lahqux ftehim. Peress illi r-rikorrent xtaqet li zzomm il-libsa, offrewlha l-ammont ta' mija u hamsin euro a saldu jew inkella tmenin euro bi dritt li hi zzomm il-libsa in kwistjoni.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza r-rikorrenti qieghda titlob li tinghata lura l-libsa kif ukoll is-somma ta' €196.00, rapprezentanti l prezz shih li hi hallset ghal libsa, liema libsa ggarbet hsarat meta kienet fil-kustodja tas-socjeta' intimata. Min-naha taghha, ghalkemm is-socjeta' intimata mhijiex qed tikkontesta l-fatt illi l-libsa sfat dannegjata, qieghda tikkontesta l-quantum tal-kumpens. Offriet lir-rikorrenti is-somma ta' mija u hamsin euro a saldu tal-pretensjonijiet kollha, jew inkella l-ammont ta' tmenin euro bil-fakulta li r-rikorrent zzomm il-libsa mertu tal-kaz.

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi meta l-libsa marret ghand is-socjeta' intimata, il-libsa ma kellhiex hsara pero kienet imtebba u kienet intlibset f'okkazzjonijiet ohra. Dan gie anke accettat mis-socjeta' intimata u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jidhol fil-mertu tal-hsara o meno tal-libsa. It-Tribunal huwa daqstant sodisfatt ukoll illi l-libsa ma kenitx gdida u li kienet ilha ghand ir-rikorrenti ghal xi snin. Biss biss ir-rikorrenti ma setghetx tiftakar meta xtratha. Kienet tkun facli hafna ghar-rikorrenti li tipprovdi din l-informazzjoni ghaliex mill-korrispondenza esbelta jirrizulta illi hija kellha l-*order number* tal-libsa u kif qalet hi, setghet tipprovdi wkoll l-ircevuti tal-libsa, pero' ghal xi raguni dawn qatt ma gew esebiti u l-informazzjoni ma nghatatx lit-Tribunal. Ovvjament, meta si tratta ta' libsa wzata, ghalkemm jista' jkun veru illi din ghandha valur sentimentali, sakemm din ma tkunx libsa rari jew vintage, il-valur tal-libsa jonqos maz-zmien iktar u iktar meta tkun imtebba. Pero', huwa fatt ukoll illi libsa tista' tibqa' tintlibes u sservik ghal dejjem jew almenu ghal diversi snin, sakemm din ma tkunx dannegjata jew imtebba.

Illi l-offerta tas-socjeta' intimata - ta' tmenin euro hija konsistenti ma' tnaqqis fil-valur ta' kwazi sittin fil-mija li fuq periodu ta' tlett snin hija ghoxrin fil-mija fis-sena, li hija r-rata normali u accettabbli ta' tnaqqis ta' valur f'dawn il-kazijiet. Peress illi r-rikorrenti ma gabitx prova ta' meta nxtrat il-libsa, it-Tribunal ha jiehu din ic-cifra bhala wahda gusta.

Wara li qies ic-cirkostanzi u ra l-atti u r-ritratti kollha esebiti, it-Tribunal jiddeciedi *arbitrio boni viri* li jakkorda lir-rikorrenti s-somma ta' tmenin Euro (80.00) bhala kumpens, bi dritt tar-rikorrenti illi zzomm il-libsa in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jordna s-socjeta' intimata thallasha s-somma ta' tmenin euro, bi dritt tar-rikorrenti illi zzomm il-libsa mertu tal-kaz. Bl-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru